

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-15 ta' Lulju 2010 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq**

(Kawża C-582/08) <sup>(1)</sup>

(*Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Taxxa fuq il-valur miżjud — Direttiva 2006/112/KE — Artikoli 169 sa 171 — It-Tlettax-il Direttiva 86/560/KEE — Artikolu 2 — Rifużjoni — Persuna taxxabbli li mhijiex stabbilita fl-Unjoni — Tranżazzjonijiet ta' assigurazzjoni — Tranżazzjonijiet finanzjarji*)

(2010/C 246/05)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: R. Lyal u M. Afonso, aġenti)

Konvenut: Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (rappreżentanti: I. Rao, S. Hathaway, aġenti, K. Lasok, QC)

**Suġġett**

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Ksur tal-Artikoli 169, 170 u 171 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1) u tal-Artikolu 2(1) tat-Tlettax-il Direttiva tal-Kunsill 86/560/KEE, tas-17 ta' Novembru 1986, firrigward tal-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mat-taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Modalitajiet ta' rimbors tat-taxxa fuq il-valur miżjud għall-persuni taxxabbli li mhumiex stabbiliti fit-territorju tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 129) — Liġi nazzjonali li ma tippermettix l-irkupru tat-taxxa tal-input imħallsa f'dak li jirrigwarda ċerti tranżazzjonijiet ta' assigurazzjoni u finanzjarji magħmula minn persuni taxxabbli li mhumiex stabbiliti fil-Komunità.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
  
  
  
- 2) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tad-29 ta' Lulju 2010 (talba għal deċiżjoni preliminari mill-VAT and Duties Tribunal, Manchester — Ir-Renju Unit) — Astra Zeneca UK Limited vs Her Majesty's Commissioners of Revenue and Customs**

(Kawża C-40/09) <sup>(1)</sup>

(*Sitt Direttiva tal-VAT — Punt 1 tal-Artikolu 2 — Kunċett ta' "provvista ta' servizzi magħmula bi ħlas" — Vawċers mogħtija minn kumpannija lill-impiegati tagħha fil-kuntest tar-remunerazzjoni ta' dawn tal-aħħar*)

(2010/C 246/06)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Qorti tar-rinvju**

VAT and Duties Tribunal, Manchester

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Astra Zeneca UK Limited

Konvenuti: Her Majesty's Commissioners of Revenue and Customs

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — VAT and Duties Tribunal, Manchester — Interpretazzjoni tal-Artikoli 2(1), 6(2)(b) u 17(2) tad-Direttiva 77/388/KEE: Is-Sitt Direttiva tal-Kunsill, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23) — Kunċett ta' provvista ta' servizzi bi ħlas — Vawċers mogħtija lill-impiegat skont il-kuntratt ta' impieg tiegħu, parti mill-valur ta' liema jitnaqqas mis-salarju

**Dispożittiv**

Il-punt 1 tal-Artikolu 2 tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 95/7/KE, tal-10 ta' April 1995, għandu jiġi interpretat fis-sens li, l-ġhoti ta' vawċer minn kumpannija, li akkwi stat dan il-vawċer għal prezz li jinkludi t-taxxa fuq il-valur miżjud, lill-impiegati tagħha inkambju tar-rinunzja, minn dawn tal-aħħar, ta' parti mir-remunerazzjoni tagħhom fi flus, jikkostitwixxi provvista ta' servizzi magħmula bi ħlas skont din id-dispożizzjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU C 69, 21.03.2009.

<sup>(1)</sup> ĠU C 90, 18.04.2009.